




INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ

WAQQAF IT-TNEĦĦIJA TAL-PINEN
TAL-KLIEB IL-BAĦAR - WAQQAF IL-
KUMMERĊ



TGĦALLEM – IDDISKUTI – IKKONNETTJA - FITTEX PARIR

| Werrej

| | |
|--|---|
| L-Inizjattiva: “Stop Finning – Stop the Trade” | 3 |
| Il-Kampanja | 4 |
| L-Impatt tal-Kampanja | 9 |



1

L-Inizjattiva: “Stop Finning – Stop the Trade”



Fatturi ta' suċċess:

- L-iżvilupp ta' sħubija b'saħħitha ma' diversi organizzazzjonijiet;
- Il-bini ta' network ta' sostenituri qabel il-bidu tal-inizjattiva;
- In-networking u l-espansjoni kostanti ta' sħubijiet ma' organizzazzjonijiet oħrajn matul il-kampanja;
- L-iffukar fuq l-użu tal-media soċjali biex tintlaħaq udjenza akbar u gruppi fil-mira ġodda;
- L-istabbiliment ta' timijiet ta' volontarjat f'pajjiżi differenti tal-UE biex jassistu fl-iżvilupp u ż-żamma ta' kampanji lokali.

“Stop Finning – Stop the Trade” hi t-tmien inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (IĊE) ta' suċċess. Hi tappella lill-Kummissjoni biex ittemm il-kummerċ tal-pinen tal-klieb il-baħar separati fl-UE billi testendi r-Regolament (UE) Nru 605/2013 li jipprojbixxi t-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar, u biex tipprojbixxi wkoll l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu tal-pinen tal-klieb il-baħar separati lejn, minn u fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

L-inizjattiva “Stop Finning – Stop the Trade” ġiet irreġistrata fit-2 ta' Jannar 2020 u l-perjodu ta' ġbir tal-firem tagħha beda fil-31 ta' Jannar 2020. Irnexxielha tiġbor **1,119,996 firma verifikata ta' appoġġ** u ntlaħqu l-**limiti minimi fi 15-il Stat Membru**. Il-perjodu ta' ġbir ġie estiż b'sena sal-31 ta' Jannar 2022 biex jippermetti għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-kampanja¹.

Wara li ntemmet il-fażi tal-ġbir tal-firem, l-inizjattiva għaddiet mill-proċess ta' verifika (estiż ukoll minħabba l-pandemija), li matulu d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ ġew ivverifikati u vvalidati mill-awtoritajiet responsabbli f'kull Stat Membru. L-inizjattiva mbagħad ġiet ippreżentata formalment lill-Kummissjoni Ewropea fl-11 ta' Jannar 2023 ([Avviż tal-Istampa](#)). Il-Kummissjoni ppubblikat komunikazzjoni bi tweġiba għal din l-inizjattiva fil-5 ta' Lulju 2023.



1 F'konformità mar-Regolament (UE) 2020/1042, id-Deċiżjoni C (2020) 9226 u d-Deċiżjoni C (2021) 1121.

2

Il-Kampanja


Preparazzjoni

L-organizzaturi ta' "Stop Finning – Stop the Trade" kellhom, b'hal organizzaturi oħrajn tal-IĊE, passjoni kbira għas-suġġett tagħhom u kienu lesti li jibdeu b'entużjażmu kbir. Il-preparazzjoni ta' IĊE x'aktarx hi l-aktar parti importanti. Matul il-fażi ta' preparazzjoni, l-organizzaturi jiżviluppaw l-istrateġija tal-kampanja tagħhom u jibnu n-network tagħhom. Il-bini ta' **network ta' sħab u voluntiera** kien essenzjali għas-suċċess ta' din l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. Din l-inizjattiva kellha l-appoġġ ta' 105 organizzazzjonijiet, 14-il assoċjazzjoni tal-isport tal-ilma, 14-il kumpanija u 16-il ċelebrità/persuna influwenti. Is-sostenitur ewlieni kienet l-NGO Sea Shepherd, li pprovdiet lill-organizzaturi b'appoġġ finanzjarju, b'għarfien espert u pariri fil-kampanja.


L-iżgurar li dawn in-networks ta' sħab appoġġjaw b'mod attiv l-inizjattiva kienet sfida. L-organizzaturi rnexxielhom jegħlbu dan billi bdeu konferenzi telefoniċi online biex iżommu lis-sħab aġġornati dwar il-progress tal-inizjattiva; il-ħruġ ta' bullettin regolari; il-ħolqien ta' kontenut għas-sħab biex jadattaw għall-użu fil-mezzi ta' komunikazzjoni tagħhom stess; u t-tfassil ta' ideat għal avvenimenti biex tiġi promossa l-inizjattiva fiż-żoni lokali tagħhom.

Il-bini ta' preżenza online kien kruċjali wkoll għal din l-inizjattiva, minħabba li l-għbir tal-firem seħħ matul il-pandemija tal-COVID-19 u għalhekk l-avvenimenti wiċċ imb wiċċ kienu impossibbli. L-organizzaturi bnew sit web multilingwi b'informazzjoni ta' sfond dwar l-inizjattiva, it-talbiet tal-inizjattiva, u riżorsi bħalskedi informattivi u deskrizzjonijiet tal-kampanja. L-organizzaturi bnew ukoll il-preżenza online tagħhom fuq il-media soċjali: [Facebook](#) (15,000 membru), [Instagram](#) (37,600 membru), [X](#) (dak li qabel kien [Twitter](#)) (1,998 membru) u [Youtube](#) (229 abbonat).

B'mod ġenerali, l-organizzaturi tal-inizjattiva "Stop the Finning – Stop the Trade" ġabru €17,360 f'appoġġ u fondi. Huma rrapportati biss kontribuzzjonijiet ta' aktar minn €500 għal kull donatur.



Sorsi ta' finanzjament (€)



| Implimentazzjoni tal-Kampanja

L-organizzaturi tal-inizjattiva **identifikaw 10 Stati Membri biex jimmiraw u jilħqu l-limitu minimu:** iċ-Ċekja, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, in-Netherlands u l-Awstrija. L-organizzaturi għażlu dawn il-pajjiżi għal żewġ raġunijiet:

1. dawn il-pajjiżi huma parti mill-kummerċ tal-pinen tal-klieb il-baħar u huma affettwati direttament mill-proposti tal-IĊE; kif ukoll
2. il-biċċa l-kbira tal-organizzazzjonijiet sħab, il-voluntiera u l-influwenzaturi tal-organizzatur joperaw f'dawn il-pajjiżi.

Bħala riżultat tal-pandemija, l-organizzaturi kellhom jirrevedu l-istrateġija tal-kampanja oriġinali tagħhom u jiffukaw fuq il-preżenza online tagħhom u l-ġbir tal-firem online. Madankollu, l-estensjoni tal-perjodu ta' ġbir tal-firem, l-għajnuna tan-network ta' sħab tagħhom, voluntiera, u l-kampanja b'saħħitha tal-media soċjali ppermettew lill-organizzaturi jegħlbu dan l-ostaklu. B'mod notevoli, permezz ta' dawn is-sħab, il-voluntiera u l-kampanji tal-media soċjali għenu lill-organizzaturi biex jiġbru aktar minn 500,000 firma matul l-20 jum qabel it-tmiem uffiċjali tal-perjodu tal-ġbir tal-firem tagħhom. Is-sigriet ta' dan kien li titqajjem kuxjenza dwar il-kampanja u dan hu fejn l-influwenzaturi

“Dan kollu (kampanji fuq il-media soċjali u sensibilizzazzjoni) wassal għal sensibilizzazzjoni akbar tal-inizjattiva tagħna! Wieħed irid ikun kemm paċenzjuż kif ukoll kunfidenti ... Dak mhux dejjem faċli.”


- Organizzatur tal-IĊE ta' Stop Finning

kellhom rwol vitali fil-kampanja tal-inizjattiva. Kull stadju importanti milfuq mill-organizzaturi u l-voluntiera, bħall-ilħuq tal-limitu meħtieġ fi Stat Membru, kien opportunità biex jingħata aktar momentum fl-inizjattiva. L-organizzaturi użaw ukoll it-tweġiq ta' stadji importanti fil-konservazzjoni tal-baħar biex jipromwovu l-inizjattiva tagħhom u jqajmu kuxjenza. Minkejja l-pandemija, l-organizzaturi setgħu jorganizzaw b'suċċess xi avvenimenti pan-UE fi bliet ewlenin bħal Ruma, Atena u Berlin.



Ġbir tal-Firem

L-organizzaturi ta' Stop Finning użaw is-**sistema ċentrali ta' ġbir online**. Bħala konsegwenza tal-pandemija, il-ġbir tal-firem sar aktar diffiċli u naqas matul il-kampanja. L-organizzaturi użaw in-network tagħhom ta' sħab u voluntiera biex iżommu l-momentum u jkomplu jippromwovu l-inizjattiva. Permezz tal-influwenzaturi, l-inizjattiva kisbet preżenza pjuttost kbira fil-media soċjali. Dan kellu impatt enormi fuq il-kampanja u rriżulta fil-ġbir ta' aktar minn 1.1 miljun firma. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok iċċekkja [l-blog post](#) tagħhom fil-Forum tal-IĊE.



| Verifika u Sottomissjoni

Wara l-estensjoni tal-perjodu ta' ġbir, l-inizjattiva fl-aħħar mill-aħħar ġabret 1,202,121 firma f'27 Stat Membru tal-UE li minnhom 93% tqiesu bħala firem validi mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti. Fil-11 ta' Jannar 2023, l-organizzaturi organizzaw avveniment f'Place du Luxembourg fi Brussell biex jiċċelebraw is-sottomissjoni ta' **1,119,996 miljun dikjarazzjoni ta' appoġġ ivverifikata** lill-Kummissjoni. Aktar minn 50 persuna minn aktar minn 10 pajjiżi tal-UE nġabru quddiem il-Parlament Ewropew biex jiċċelebraw dan il-mument (Ara l-[Post tal-Media Soċjali](#)). Is-sottomissjoni tal-firem fetthet il-perjodu ta' eżaminazzjoni ta' 6 xhur.



3

L-Impatt tal-Kampanja

Eżaminazzjoni u tweġiba tal-Kummissjoni

Wara s-sottomissjoni formali tal-inizjattiva, l-organizzaturi Itaqgħu mal-Kummissarju Ewropew għall-Ambjent, l-Oċean u s-Sajd, **Virginijus Sinkevičius**, fis-6 ta' Frar 2023 (stqarrija għall-istampa). Fis-27 ta' Marzu 2023, il-Parlament Ewropew organizza smiġh pubbliku dwar l-inizjattiva "Stop Finning – Stop the Trade" (recording tas-smiġh pubbliku). L-organizzaturi ppreżentaw l-oġġetti tal-inizjattiva u involvew ruħhom mal-Membri tal-Parlament Ewropew (punti ewlenin tas-smiġh tal-PE). Fil-11 ta' Mejju 2023, l-inizjattiva "Stop Finning – Stop the Trade" għet diskussa f'sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew (recording tad-dibattitu).



Drittijiet tal-awtur: European Union, 2023 ([link](#))

Fil-5 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni adottat **komunikazzjoni li tistabilixxi l-azzjonijiet tagħha bi tweġiba** għall-ICE "Stop Finning – Stop the Trade". Il-Kummissjoni tilqa' l-inizjattiva u se tiegħu l-azzjoni li ġejja (ara [l-istqarrija għall-istampa](#)):

1. teżamina l-adeqwatezza tat-tnedija ta' miżura leġiżlattiva biex jintemm il-kummerċ tal-pinen tal-klieb il-baħar; u tibda valutazzjoni tal-impatt dwar il-konsegwenzi ambjentali, soċjali u ekonomiċi tal-applikazzjoni tal-politika tal-"pinen imwaħħla b'mod naturali";
2. ittejjeb l-istatistika dwar il-kummerċ fil-prodotti tal-klieb il-baħar sa tmiem l-2024;
3. issaħħaħ l-infurzar tal-miżuri ta' traċċabbiltà tal-UE billi ssaħħaħ l-infurzar tad-dritt tal-UE li japplika għall-katina tal-valur kollha;
4. tintensifika l-azzjoni internazzjonali tal-UE billi tippromwovi projbizzjoni dinjija tat-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar u azzjonijiet oħrajn.

Fit-13 ta' Lulju 2023, l-organizzaturi Itaqgħu mal-Kummissarju Sinkevičius biex jiddiskutu t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. Fit-18 ta' Ottubru 2023, l-organizzaturi ta' Stop Finning ippubblikaw komunikazzjoni dwar it-tweġiba tal-Kummissjoni, li tenfasizza l-argumenti kollha li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati għal valutazzjoni tal-impatt ġusta u bbilanċjata ([ara l-istqarrija għall-istampa](#)).



Pariri u suġġerimenti għal organizzaturi futuri

- Ibnu network kbir u b'saħħtu ta' organizzazzjonijiet sħab u voluntiera qabel ma tibdedw il-kampanja;
- Żommu l-komunikazzjoni man-network tagħkom ta' organizzazzjonijiet sħab u voluntiera;
- Oħolqu materjali għan-network ta' organizzazzjonijiet sħab u voluntiera biex jippromwovu l-inizjattiva;
- Issieħbu ma' ċelebritajiet u/jew influwenzaturi permezz tal-media soċjali.

